



GUIDO LANFRANCO

# ĦAJJA U MEWT FI TRIQ SAN TROFIMU

It-triq tal-knisja parrokkjali dejjem tkun aktar ħajja minn toroq oħrajn, għax fiha jibdew jew jintemmu l-manifestazzjonijiet esterni tal-knisja matul is-sena kollha, bil-pellegrinaġġi, proċessjonijiet tad-Duluri, titulari, tat-tfal, ta' San Franġisk, tal-Milied u oħrajn minbarra l-moviment ta' funerali u tiġijiet, u nies deħlin u ħerġin għall-quddies u devozzjonijiet oħra. Il-Każin tal-Banda Sliema, quddiem il-knisja jżid ukoll il-ħajja tiegħu, bil-kunċerti u attivitajiet komunali oħra, wirjiet fil-Milied u fil-Ġimgħa l-Kbira, imma l-aktar bil-marċijiet.

Madankollu hemm intietef oħra assoċjati ma' Triq San Trofimu. Din it-triq bdiet tieħu s-sura tagħha fis-snin sebgħin tas-seklu dsatax, fl-istess żminijiet meta kienet qed tinbena l-knisja tal-Madonna tas-Sacro Cuor.

## Skola

Fin-numru 33, f'din it-triq, kien hemm skola. Fl-almanakki li kienu joħorġu fl-aħħar snin tas-seklu dsatax u s-snin għoxrin ta' warajh, fost reklami u informazzjoni oħra, insibu wkoll ismijiet u informazzjoni dwar skejjel privati. Fuq din ta' Triq San Trofimu, fil-*Guida Generale di Malta e Gozo* ta' l-1908 tidher din il-kitba, li hawn qlibniha għall-Malti: "Skola Preparatorja għal-Liċeo, 33 Strada S. Trofimo, Sliema. Minn din l-iskola, stabbilita fl-1896, taħt it-tmexxija tas-Sur Luigi Billion, jgħaddu kull sena, ġuvintur, b'riżultati mill-aħjar, f'numru mhux ħażin, għad-diversi klassijiet tal-Liċeo, inklużi ż-żewġ dipartimenti ta' studji klassiċi u moderni, minħabba li hawn jingħataw tagħlim tajjeb fl-Ingliż, Taljan, Franċiż, Latin u l-aritmetika. Erbgħin student minn din l-iskola, fl-aħħar eżamijiet ta' Lulju u Settembru (1907), daħlu fis-VI, V, IV u II klassijiet tal-Liċeo. Mat-tagħlim ta' dawn is-suġġetti, iż-żgħażagħ hawn jieħdu wkoll edukazzjoni morali u reliġjuża. F'din l-iskola nitkellmu bl-Ingliż u bit-Taljan".

## Fil-gwerra

Mingħajr ma noqogħdu nidħlu f'ħafna problemi u sitwazzjonijiet ta' żmien il-gwerra, li wara kollox kienu mifruxa ma' Malta kollha, insemmu biss fejn tidħol Triq San Trofimu. Fl-1942, l-agħar sena tal-gwerra, mimlija bumbardamenti, fl-ewwel ta' April fis-2.30 p.m., niżlet bomba li ġarrfet il-kunvent u l-knisja, qatlet 28 u korrew 22. Fil-25 ta' April fid-8.45 p.m., il-bombi kkaġunaw ħsarat fuq bini fi Triq San Trofimu, Triq Santa Marija u Triq Karmel. Fl-10 ta' Awissu ta' l-istess sena, fl-9.45 p.m., bombi ġarrfu partijiet minn bini ta' Triq Santa Marija u tal-Każin tal-Banda Sliema. Imma l-aktar li għadni niftakar hija l-okkażjoni meta l-bomba niżlet fi Triq San Trofimu l-isfel, qrib Triq San Ġużepp, fl-20 ta' Lulju 1943, fid-9.00 p.m. Jien kont immur l-iskola Stella Maris tal-Gżira, u waqt li kont inkun sejjer kuljum matul Triq Rudolfo u Triq Vjani, kemm-il darba kont niltaqa' mal-ħabib tiegħi Lino Vella, tifel mill-aktar kwiet, li mhux biss kien fl-istess klassi miegħi, imma wkoll postu bilqiegħda ħdejja. Fl-għodwa tal-21 ta' Lulju ma ġiex skola; ħdejja baqa' vojt, u Brother Anthony infurmana li Lino kien miet lejliet flimkien ma' missieru Ġużeppi ta' 53 sena. Fuq il-mejda ta' ħdejja kiteb *in loving memory of Lino Vella* u poġġa ftit fjuri mill-vażett tal-klassi. Lino kellu ħdax-il sena, sena iżgħar minni, u għadni nżomm b'tifkira żewġ stampi li kien tani xi jiem qabel. Kienet l-aħħar bomba fuq Tas-Sliema. Ismu jidher fuq il-monument tas-Slimiżi li mietu fil-gwerra, li ġie inawgurat f'Ix-Xatt fis-26 ta' April 1992. Dakinhar inqrat poeżija li ktibt jien għall-okkażjoni (inqrat minn Victor Apap), li għal xi raġuni jew oħra,



**12 t'Awissu 1951: Il-funeral ta' Karmenu Spiteri, rettur tal-Fratellanza tas-Ssmu Sagrament.**



Settembru 1974: It-tallaba fi Triq San Trofimu.

irjus akbar minn tiegħi ħallewha barra mill-programm stampat għall-okkażjoni, imma li ġentilment deħret fil-programm tal-festa maħruġ mill-Banda Ċittadina "Sliema" ta' l-istess sena (paġna 83).

Fl-istess okkażjoni u l-istess post kienu mietu Ramiro Floridia u Joseph Galea. Galea kien vjolinista u kompożitur ta' mużika devozzjonali, u kien jieħu ħsieb il-kor tal-parroċċa, kif fakkarni Patri Raniero, li dak iż-żmien kellu xi sittax-il sena u kien fl-istess kor. Il-Kunsill ta' Tas-Sliema, fit-2 ta' Novembru 1999, inawgura lapida f'dawk l-inħawi ta' Triq San Trofimu li tgħid hekk: "Il-Kunsill Lokali Tas-Sliema jfakkar l-aħħar bombi li waqgħu fuq Tas-Sliema f'din it-triq fl-20 ta' Lulju 1943; Ħallew ħajjithom Ramiro Floridia, Joseph Galea, Joseph Vella u ibnu Lino".

### Il-Fratellanza tas-Ssmu Sagrament

M'aħniex se nitkellmu dwar l-istorja u l-attivitajiet ta' din il-fratellanza, imma ta' min ifakkar li fi Triq San Trofimu konna ta' sikwit naraw il-Vjatku li kienu jieħdu ħsiebu l-fratelli. Id-daqq tal-qniepen kien jgħaddi l-messaġġi lill-parruċċani, u meta kien ikun qed imut xi ħadd kien joħroġ il-Vjatku, bil-fanali f'idejn il-fratelli, tfal u rġiel oħra, u tifel fuq quddiem, idoqq qanpiena ta' l-idejn. Fl-imgħoddi wkoll kienu jagħlqu xi ħwienet għax sidhom kien wieħed mill-fratelli. Il-Vjatku Solenni ta' wara l-Għid il-Kbir kien baqa' jsir sa ftit wara l-Konċilju Ekumeniku u issa m'għadniex narawh. Fi Triq San Trofimu kien joqgħod Karmenu Spiteri, ir-rettur tal-fratellanza, u meta miet, sar il-funeral tiegħu fit-12 ta' Awissu 1951, u fih akkumpanjaw ukoll xi fratelli tas-Ssmu Sagrament mill-parroċċa ta' Stella Maris (fir-ritratt jidhru bil-muzzetta).

### L-Aħħar Għonnella f'Tas-Sliema

Sas-snin sebgħin kien hemm mara tallaba ddur mat-toroq f'Tas-Sliema, imma kienet aktar tidher fl-inħawi tal-parroċċa tagħna, milli jidher għax kien ikun hawn is-suq fi Triq San Trofimu li kien jiġbed bosta nies. L-għonnella tagħha ma tantx kienet eżemplari għax kienet imxattra u magħkusa għall-aħħar. Kemm-il darba kienet issib min itiha fastidju, imma meta kont tnewlilha xi sold jew tnejn kienet toqgħod tlissen ġakulatorji "għar-ruħ min għandek mejjet", kif kienu jagħmlu bosta tallaba oħrajn li dari kienu komuni fit-toroq. Fir-ritratt (meħud f'Settembru 1974) tidher tiela' Triq San Trofimu.

### Is-Suq

Kull fejn jinġabru n-nies, minn żmien twil ilu, kienu jinġabru wkoll il-bejjiegħa. Minbarra f'okkażjonijiet ta' festi, il-bejjiegħa kienu (u f'diversi postijiet għadhom) jinġabru minn fejn jgħaddu n-nies għall-knisja. Biż-żmien bdiet tintgħażel ġurnata fil-ġimgħa li fiha jarmaw is-suq, u fi Triq San Trofimu kienu jarmaw matul it-triq qrib fejn taqsam Triq San Ġwann Battista (ara r-ritratt meħud fil-5 ta' Awissu 1971). Kont issib minn kollox, bħal fuq il-Monti tal-Belt, imma minħabba problemi ta' traffiku dejjem jikber f'Tas-Sliema, u problemi oħrajn, dan is-suq spiċċa minn Triq San Trofimu f'Mejju 1985, meta mbagħad ittieħed għall-Pjazza Annunzjata għal ftit żmien, sakemm spiċċa għal kollox, ħlief għal xi bejjiegħa tgħoddhom fuq is-swaba ta' id waħda.



5 t'Awissu 1971: Is-Suq.